xi eżempji ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li l-Konferenzi episkopali jistgħu jadattaw għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi tagħhom. Il-Papa Pawlu VI, bis-setgħa tiegħu approva **l-Ordni tal-Penitenza,** mħejji mill-Kongregazzjoni mqaddsa tal-Kult Divin, u ordna li jiġi pubblikat, biex jieħu l-post ta' dawk il-kapitli dwar is-sagrament tal-Penitenza, li jinsabu fir-Ritwal Ruman li għadu fl-użu sal-lum. Dan l-Ordni bil-Latin, jista' jibda jintuża malli jiġi pubblikat; bl-ilsna tal-lum mill-jum li jkun iffissat mill-Konferenza Episkopali, wara li jkunu approvaw it-traduzzjoni u ġibu l-konferma tagħha mis-S. Sede. Kull ma hu kuntrarju għal dan id-digriet ma jnaqqas xejn minn dak li jingħad fih.

Mogħti mill-Palazz tal-Kongregazzjoni mqaddsa tal-Kult divin, fit-2 ta' Diċembru 1973, l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent.

B'ordni speċjali tal-Papa

Ioannes card. Villot
Segretarju ta' l-Istat

† A. Bugnini
Arċisqof tit. ta' Djoklezjana
Segretarju tal-K.M. għall-Kult Divin



## ORDNI GĦALL-PENITENZA

### Tagħrif ta' qabel

I

### IL-MISTERU TAR-RIKONĊILJAZZJONI FL-ISTORJA TAS-SALVAZZJONI

Il-Missier wera l-ħniena tiegħu lid-dinja, meta bi Kristu ħabbeb kollox miegħu fis-sema u fl-art u bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art. (1) L-Iben ta' Alla sar bniedem u għammar fost il-bnedmin biex jeħlishom mill-jasar tad-dnub (2) u biex isejħilhom mid-dlamijiet għad-dawl tiegħu tal-għageb. (3) Għalhekk beda l-missjoni tiegħu fuq l-art ixandar l-indiema hu u jgħid: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba." (Mk. 1 15).

Din l-istedina għall-indiema, li kienet tħabbret fl-imgħoddi l-ewwel mill-profeti, ħarġet minn fomm San Ġwann Battista, li ġie "jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet," (Mk. 1, 4) biex iħejji l-bnedmin għall-miġja tas-Saltna ta' Alla. Ġesu' mhux biss ħeġġeġ lill-bnedmin għall-indiema billi stedinhom iħallu dnubiethom u jduru b'qalbhom kollha lejn Alla, (4) imma laqa' wkoll għandu l-midinbin biex iħabbibhom ma' Alla (5). Fejjaq ukoll il-morda biex juri s-setgħa tiegħu li jaħfer id-dnubiet (6) u fl-aħħar hu miet għal dnubietna u kien imqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna (7). Barra dan, fil-lejl li fih ingħata għalina u ta bidu għall-Passjoni (8) li biha fdiena, hu waqqaf is-sagrifiċċju tal-Patt il-

1. Ara 2 Kor. 5, 18; Kol. 1, 20.
2. Ara Ġw. 8, 34-35.
3. Ara 1 Piet. 2, 9.
4. Ara Lq. 15.
5. Lq. 5, 20. 27-32; 7, 48.
6. Ara Mt. 9, 2-8.
7. Ara Rum. 4, 25.
8. Ara Missal Roman it-tielet talba ewkaristiku.

ġdid b'demmu għall-maħfra tad-dnubiet (9), u wara li qam mill-imwiet bagħat fuq l-Appostli l-Ispirtu s-Santu, biex ikollhom is-setgħa jaħfru d-dnubiet u jżommuhom (10), u biex f'ismu jxandru lill-ġnus kollha l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet (11).

Nhar Għid il-Ħamsin, San Pietru, li lilu l-Mulej kien qal: "Lilek nagħtik l-infietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-Smewwiet u kull ma tħoll fl-art ikun maħlul fis-smewwiet" (Mt. 16, 19), biex jobdi l-ordni tal-Mulej, ħabbar il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-Magħmudija meta qal: "Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed fl-isem ta' Ġesu' Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom" (Atti 2, 38) (12). Minn dak iż-żmien il-Knisja qatt ma naqset li ssejjaħ lill-bnedmin ħa jerġgħu lura minn dnubiethom u tħabbar ir-rebħa ta' Kristu fuq id-dnub biċ-ċelebrazzjoni tal-penitenza.

2. Din ir-rebħa fuq id-dnub tidher l-ewwel fil-Magħmudija, meta l-bniedem qadim tagħna ikun imsallab ma' Kristu biex jinqered il-ġisem midneb u ma nibqgħu aktar ilsiera tad-dnub, u nqumu ma' Kristu biex b'hekk inkunu ħajjin għal Alla (13). Għalhekk il-Knisja tistqarr il-fidi tagħha "f'magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet."

Fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa tiġġedded il-Passjoni ta' Kristu, u l-Knisja toffri lil Alla għas-salvazzjoni tad-dinja kollha, il-ġisem tiegħu li kien mogħti għalina u d-demm tiegħu li xxerred għall-maħfra tad-dnubiet. Kristu jinsab fl-Ewkaristija u noffruh bħala "il-Vittma li terġa' tħabbibna" ma Alla (14) u biex l-Ispirtu s-Santu tiegħu "jgħaqqadna f'ġisem wieħed." (15).

Iżda fuq kollox Ġesu' Kristu waqqaf is-sagrament tal-Penitenza fil-Knisja tiegħu, meta ta lill-Appostli u 'l dawk li ġew warajhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet, biex dawk il-fidili li jaqgħu fid-dnub wara l-Magħmudija iġeddu fihom il-grazzja, meta jerġgħu jitħabbu ma' Alla (16). Għax il-Knisja għandha "kemm l-ilma u kemm id-dmugħ; l-ilma tal-magħmudija, u d-dmugħ tal-indiema" (17).

---

9. Ara Mt. 26, 28.
10. Ara Ġw. 20, 19-23.
11. Ara Lq. 24, 47.
12. Ara Atti 3, 19-26; 17, 30.
13. Ara Rum. 6, 4-10.
14. Missal Ruman it-tielet talba ewkaristika.
15. Missal Ruman it-tieni talba ewkaristika.
16. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV, *De sacramento Paenitentiae,* kap. II, Denz. Schon. 1668 u 1670; kan. 1, Denz. Schon. 1701.
17. San Ambroġ. Epist. 41, 12; PL. 16, 1116.



II

## IR-RIKONĊILJAZZJONI TAL-MIDINBIN FIL-ĦAJJA TAL-KNISJA

### Il-Knisja: qaddisa imma fl-istess ħin dejjem tiġġedded.

3. Kristu "ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha" (Ef. 5, 25-26) u għamilha l-Għarusa tiegħu (18); lilha, li hi l-Ġisem tiegħu u l-milja tiegħu, hu jagħnija bid-doni tiegħu (19) u biha jwassal lil kulħadd il-verita' u l-grazzja.

Iżda l-membri tal-Knisja jistgħu jkunu mġarrba u ta' spiss jaqgħu fid-dnub. Għalkemm Kristu kien "qaddis, bla ħtija, safi" (Lh. 7, 26) u ma kienx jaf x'inhu dnub (2 Kor. 5, 21) imma ġie biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu (ara Lh. 2, 17), il-Knisja għandha il-midinbin fi ħdanha, u għalhekk, għalkemm qaddisa, teħtieġ fl-istess ħin li dejjem tissaffa u tfittex bla heda it-tiġdid u l-penitenza. (20)

### Il-Penitenza fil-ħajja u fil-liturġija tal-Knisja

4. Il-poplu ta' Alla jagħmel din il-penitenza b'kull sura ta' modi, u jkun sinjal għad-dinja ta' konversjoni lejn Alla billi bissabar jissieħeb fit-tbatijiet ta' Kristu (21), billi juri ħniena u jkollu mħabba qawwija għal kulħadd, (22) billi bla heda minn jum għal ieħor dejjem aktar jinbidel fih innifsu skond l-Evanġelju ta' Kristu. Dan il-Knisja turih fil-ħajja tagħha u tiċċelebrah fil-liturġija tagħha, waqt li l-fidili jistqarru li huma midinbin u jitolbu l-maħfra ta' Alla u ta' ħuthom, fiċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali, fit-tħabbira tal-Kelma ta' Alla, fit-talb, u fil-partijiet penitenzjali tal-Quddiesa. (23).

Bis-Sagrament tal-Penitenza, imbagħad, il-fidili "jiksbu mill-ħniena ta' Alla l-maħfra għall-offiża li tkun saritlu, u fl-istess ħin

---

18. Ara Apok. 19, 7.
19. Ara Ef. 1, 22-23. Konċ. Vat. II Kost. **Lumen gentium** n. 7; AAS (1965) 57. pp 9-11.
20. Konċ. Vat. II Kost. **Lumen gentium** n. 8; ibid. p. 12.
21. Ara 1 Piet. 4, 13.
22. Ara 1. Piet. 4, 8.
23. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV, **De Sacramento Paenitentiae,** Denz. Schon. 1638, 1740, 1743; Kong. Mq. tar-Riti, Istr. **Eucharisticum mysterium,** 28 Mejju 1967, n. 35; AAS 59 (1967) pp. 560-561! Missal Ruman. Istit. ġenerali, n. 29-30, 56 a.b.g.

jitħabbu mal-Knisja, li bid-dnub tagħhom huma ġerrħu u li tħabtet għall-konverżjoni tagħhom bl-imħabba, bl-eżempju t-tajjeb u bit-talb tagħha." (24)

### Rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja

5. Għax id-dnub hu offiża magħmulha lil Alla, li teqred il-ħbiberija miegħu, il-penitenza tfittex fuq kollox li nerġgħu nitħabbu ma' Alla u nagħtu lilna nfusna għal kollox lilu (25). Għalhekk il-midneb li, bil-grazzja u l-ħniena ta' Alla, jibda t-triq tal-penitenza, jerġa' lura għand il-Missier li "ħabbna l-ewwel" (1 Ġw. 4, 19) għand Kristu li ta lilu nnifsu għalina (26), u għand l-Ispirtu s-Santu li issawwab bil-kotra fina (27).

Il-Penitenza titlob ukoll rikonċiljazzjoni mal-aħwa, li lilhom id-dnub għamel il-ħsara, għaliex, skond il-pjan tat-tjieba u tal-grazzja ta' Alla, pjan moħbi sa minn mijiet ta' snin, il-bnedmin huma hekk marbutin bejniethom f'dak li hu meħtieġ għall-ħajja ta' dejjem li d-dnub ta' wieħed hu ta' ħsara għall-oħrajn kollha, kif il-qdusija ta' wieħed hi ta' ġid għall-oħrajn (28).

Ta' spiss il-bnedmin, biex jagħmlu dak li mhux sewwa, jiftehmu bejniethom. Hekk ukoll, biex jagħmlu penitenza, għandhom jgħinu 'l xulxin, biex bil-grazzja ta' Kristu jeħilsu mid-dnub, u fl-istess ħin jaħdmu, mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, għall-paċi u l-ġustizzja fid-dinja.

### Is-Sagrament tal-Penienza u t-taqsimiet tiegħu

6. Id-dixxiplu tal-Mulej, li wara d-dnub, imqanqal mill-Ispirtu s-Santu, jersaq għas-Sagrament tal-Penitenza, qabel kollox għandu b'qalbu kollha jdur lejn Alla. Din il-bidla mill-qiegħ tal-qalb, li għandu jkollha magħha s-sogħba għad-dnub u l-fehma ta' ħajja ġdida, tintwera bl-istqarrija magħmulha lill-Knisja, b'xewqa xierqa u b'bidla sħiħa tal-ħajja. Alla jagħti l-maħfra tad-dnubiet permezz tal-Knisja, li taħdem bil-ministeru tas-saċerdoti (29).

24. Konċ. Vat. II, Kost. **Lumen gentium**, n. 11; AAS 57 (1965) pp. 15-16.
25. Pawlu VI, Kost. Apost. **Paenitemini**, 11 frar 1966, AAS 58 (1966) p. 179; ara Konċ. Vat. II, Kost. **Lumen gentium**, n. 11; AAS 57 (1965) pp. 15-16.
26. Ara Gal. 2, 20; Ef. 5, 25.
27. Ara Tit. 3, 6.
28. Pawlu VI, Kost. Apost. **Indulgentiarum doctrina**, 1 jan. 1967, n. 4, AAS 59 (1967) p. 9; ara Piju XII, enċikl. **Mystici corporis**, 29 ġunju 1943; AAS 35 (1943), p. 213.
29. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV. **De Sacramento Paenitentiae**, kap. 1, Denz. Schon. 1673-5.



#### a) Sogħba

L-ewwel għamil tal-midneb li jindem minn dnubietu hu s-sogħba, li biha l-midneb jisgħob bih u jistmerr id-dnub li għamel tant li għandu fehma li ma jerġax jidneb aktar (30). Għaliex aħna nistgħu biss nersqu lejn is-Saltna ta' Alla permezz tal-**metanoia**, jiġifieri dik il-bidla sħiħa, mill-qiegħ tal-qalb, tal-bniedem innifsu kollu kemm hu, li ġġiegħelu jsawwar ħajtu, ħsibijietu, fehmietu kollha, mqanqal biss minn dik il-qdusija u dik l-imħabba ta' Alla, li dehru fl-aħħar żmenijiet fl-Iben ta' Alla u bihom ġejna mimlijin (ara Lh. 1, 2; Kol. 1, 19 eċċ; Ef. 1, 23 eċċ) (31). Minn din is-sogħba tal-qalb jiddependi jekk il-penitenza tagħna tkunx minnha, tkunx vera. Il-konverżjoni, il-bidla fil-bniedem trid tkun mill-qiegħ ta' qalbu biex minn jum għall-ieħor iddawwlu dejjem aktar u tagħmlu dejjem aktar jixbaħ 'l Kristu.

#### b) Stqarrija jew Qrara

L-istqarrija tad-dnubiet hi parti mis-Sagrament tal-Penitenza: din tiġi mill-fatt li l-bniedem jagħraf sewwa lilu nnifsu quddiem Alla u jisgħob bih għall-dnubietu. Dan l-istħarriġ tal-qalb mill-qiegħ u din l-istqarrija tad-dnubiet bil-fomm għandha ssir fid-dawl tal-ħniena ta' Alla. Il-Qrar jitlob fil-penitent ir-rieda li jiftaħ qalbu mal-ministru ta' Alla; dan, hu u jaġixxi fil-persuna ta' Kristu, jaqta s-sentenza jaħfirx id-dnub jew iżommux. (32)

#### c) Tewba

Il-konverżjoni tkun sħiħa meta titpatta l-ħtija, tinbidel il-ħajja u tissewwa l-ħsara (33). It-tpattija li tkun trid issir u l-qies tagħha għandhom ikunu jaqblu mal-ħtiġijiet ta' kull penitent, biex kull wieħed ikun jista' isewwi l-ħsara li jkun għamel u jitfejjaq b'mediċina li tmur kontra l-marda li biha kien mifni. Jeħtieġ għalhekk li t-tewba tkun tassew duwa għad-dnub u b'xi mod isservi ħa ġġedded il-ħajja. B'hekk il-penitent, waqt "li jinsa 'il ta' warajh" (Fil. 3, 13, jerġa jissieħeb fil-misteru tas-salvazzjoni, u jagħmel ħiltu kollha biex jilħaq dak li hemm quddiemu.

#### d) Maħfra jew Assoluzzjoni

Lill-penitent, li jistqarr fil-Qrar lill-ministru ta' Alla il-konverżjoni tiegħu, Alla jagħtih il-maħfra bl-assoluzzjoni, u hekk is-sagra-

30. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV **De Sacr. Paenit.**, kap. 4 Denz. Schon. 1676.
31. Pawlu VI, Kost. Apost. **Paenitemini**, 17 frar 1966; AAS 58 (1966) p.
32. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV, **De sacramento Paenitentiae**, kap. 5, Denz. Schon. 1679.
33. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV **De sacramento Paenitentiae**, kap. 8. Denz Schon. 1690-1692; Pawlu VI, Kost. Apost. **Indulgentiarum doctrina**, 1 jan. 1967, a. 2-3; AAS 59 1967), p. 6-8.

ment tal-Penitenza jkun sħiħ. Għaliex skond il-pjan ta' Alla, kif l-Iben ta' Alla deher, fostna f'sura ta' bniedem u rajnih b'għajnejna, meta feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin (34), hekk Alla jrid jagħtina s-salvazzjoni u jerġa' jġedded il-patt magħna meta niksruh, permezz ta' sinjali li jidhru.

Bis-sagrament tal-Penitenza il-Missier jilqa' 'il ibnu li reġa' lura għandu, Kristu jerfa' fuq spallejh n-nagħġa l-mitlufa u jerġa' jeħodha fil-maqjel, u l-Ispirtu s-Santu jerġa' jqaddes it-tempju tiegħu jew igħammar aktar fih, u dan jidher b'tisħib mill-ġdid jew aktar mħeġġeġ fil-mejda tal-Mulej, meta jkun hemm ferħ kbir fl-ikla kbira tal-Knisja ta' Alla, għal iben li ġie lura mill-bogħod (35).

**Dwar il-ħtieġa u s-siwi ta' dan is-sagrament**

7. Il-ħsara li jagħmel id-dnub fil-ħajja ta' kull wieħed minna u fil-ħajja tal-komunita' mhijiex ħsara waħda, imma hi ta' ħafna suriet, u l-penitenza għalhekk tagħtina kull xorta ta' meżżi biex insewwu din il-ħsara. Dawk li bi dnub gravi tbegħdu mix-xirka tal-imħabba ta' Alla, jissejħu lura għall-ħajja li tilfu permezz tas-Sagrament tal-Penitenza. Dawk li jagħmlu dnubiet venjali, u hekk kull jum jaraw kemm huma dgħajfa, jissaħħu billi ta' spiss jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-penitenza u hekk jaslu għall-ħelsien sħiħ ta' wlied Alla.

a) Biex in-nisrani jikseb il-fejqan għas-salvazzjoni li jiġi mis-Sagrament tal-Penitenza, għandi jqerr wieħed wieħed il-dnubiet gravi kollha, li jiftakar, wara li jkun għarbel sewwa l-kuxjenza tiegħu, għax din hi r-rieda ta' Alla, fil-ħniena tiegħu. (36)

b) Barra dan jiswa ħafna l-qrar ta' spiss u bir-reqqa tad-dnubiet venjali. Dan il-qrar mhux xi sura ta' taħriġ psikoloġiku, l-anqas hi biss ripetizzjoni tar-rit, imma hu taħriġ bla heda biex wieħed iġib dejjem aktar il quddiem fih il-grazzja tal-Magħmudija, biex aħna u qegħdin inġorru f'ġisimna l-mewt ta' Ġesu', dejjem aktar u aktar tidher f'ġisimna l-ħajja tiegħu (37). F'dan il-qrar, in-nisrani meta jistqarr id-dnubiet venjali tiegħu, għandu jfittex kemm jista' li jixxiebaħ ma' Kristu u jwieġeb b'aktar attenzjoni għal-leħen tal-Ispirtu.

Biex dan is-sagrament tas-salvazzjoni juri tassew il-qawwa kollha tiegħu fl-insara jeħtieġ li jrabbi l-egħruq tiegħu f'ħajjithom kollha u jħeġġiġhom aktar għall-qadi ta' Alla u ta' ħuthom.

34. Ara. Tit. 3, 4-5.
35. Ara. Lq. 15, 7. 10. 32.
36. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV, **De sacramento Paenitentiae**, kan. 7-8, Denz Schon. 1707-1708.
37. Ara 2 Kor. 4, 10.



Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament hi dejjem għamil li bih il-Knisja xxandar il-fidi tagħha, trodd ħajr lil Alla għall-ħelsien li tana Kristu (38) u toffri ħajjitha bħala sagrifiċċju spiritwali għat-tifħir tal-glorja ta' Alla hi u tħaffef ħa tiltaqa' ma' Kristu.

III

## DWAR L-UFFIĊĊJI U L-MINISTERI FIR-RIKONĊILJAZZJONI TAL-PENITENTI

**Id-dmir tal-komunita' fiċ-ċelebrazzjoni tal-Penitenza.**

8. Il-Knisja kollha, bħala poplu b'saċerdozju regali, teżerċita' l-ħidma ta' rikonċiljazzjoni, li Alla fdalha, f'ħafna suriet. Mhux biss issejjaħ għall-indiema billi tħabbar il-Kelma ta' Alla, bl-imħabba u l-ħeġġa ta' omm, imma titlob ukoll għall-midinbin u tgħin 'il min jindem biex jagħraf ħtijietu u jistqarrhom u hekk jikseb ħniena minn għand Alla, li biss jista' jaħfer id-dnubiet. Barra dan il-Knisja hi wkoll il-mezz għall-konverżjoni u għall-maħfra tal-midneb bil-ministeru mogħti minn Kristu lill-Appostli u 'l dawk li ġew warajhom. (39)

**Il-ministeru tas-Sagrament tal-Penitenza.**

9. Il-Knisja teżerċita l-ministeru tas-Sagrament tal-Penitenza permezz tal-Isqfijiet u l-Presbiteri, li bil-predikazzjoni tal-Kelma ta' Alla jsejħu l-fidili għall-konverżjoni, u jixhdulhom u jagħtuhom il-maħfra tad-dnubiet fl-isem ta' Kristu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Huma u jeżerċitaw dan il-ministeru, il-Presbiteri jaqdu dmirhom f'rabta mal-Isqof, u għandhom sehem mis-setgħa u d-dmir tiegħu, għaliex l-Isqof hu dak li jirregola d-dixxiplina, il-mod kif għandha tingħata l-penitenza (40).

b) Il-ministru kompetenti għas-sagrament tal-Penitenza hu dak il-qassis li għandu l-fakolta' li jaħfer skond il-liġijiet tal-Knisja. Iżda kull qassis, ukoll jekk ma għandux il-fakolta' li jqarar, għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet kollha tal-penitenti li jinsabu fil-periklu tal-mewt.

38. Ara Gal. 4, 31.
39. Ara Mt. 18, 18; Ġw. 20, 21.
40. Ara Konċ. Vat. II, Kost. **Lumen gentium**, n. 26 AAS 57 (1965) pp.

### L-eżerċizzju pastorali tal-ministeru tal-Penitenza.

10. a) Biex konfessur ikun jista' jaqdi dmiru sewwa u bil-fedeltà kollha, biex jagħraf il-mard tar-ruħ u jagħmel il-kura meħtieġa, biex jaqdi d-dmir tiegħu ta' mħallef bl-għerf u l-għaqal ,kollu għandu jikseb l-għerf u għaqal kollu li jeħtieġlu bi studju bla heda, taħt it-tmexxija tal-maġisteru tal-Knisja, u l-aktar b'talb bla waqfien lil Alla. L-għażla tal-ispirti hu l-għarfien tal-għamil ta' Alla fil-qiegħ tal-qalb ta' kull bniedem, hu don tal-Ispirtu s-Santu u hu frott tal-imħabba (41).

b) Il-konfessur għandu jkun dejjem lest ħa jisma' l-qrar tal-fidili, meta dawn jitolbuh raġjonevolment. (42).

c) Il-konfessur meta jilqa' midneb u jwasslu għad-dawl tal-verità jkun qiegħed jaqdi miegħu id-dmir ta' missier għax juri 'l bnedmin il-qalb ta' Missierhom tas-smewwiet u jkun għalihom id-dehra ta' Kristu bħala r-Ragħaj it-tajjeb. Għalhekk il-konfessur għandu dejjem jiftakar li hu qed jaqdi l-ministeru ta' Kristu, li fil-ħniena tiegħu temm l-opra tal-fidwa għas-salvazzjoni tal-bnedmin u bil-qawwa tiegħu jinsab fis-sagramenti (43).

d) Il-konfessur, għaliex jaf li bħala ministru ta' Alla għaraf x'hemm moħbi fil-qiegħ tal-qalb ta' ħuh, hu marbut li jħares bl-akbar reqqa is-sigriet tal-qrar.

### Il-penitent

11. Ta' siwi kbir hu s-sehem li għandu l-penitent f'dan is-sagrament.

Meta l-midneb tassew niedem minn dnubietu jersaq għal dan is-sagrament ta' salvazzjoni, li waqqaf il-Mulej, u jistqarr dnubietu, hu jkun qiegħed jagħmel is-sehem tiegħu f'dan is-sagrament, li jkun sħiħ meta mbagħad il-ministru ta' Alla, f'isem Kristu, igħid il-kliem tal-assoluzzjoni.

B'hekk in-nisrani, hu u jġarrab u jħabbar il-ħniena ta' Alla f'ħajtu, flimkien mal-qassis jiċċelebra il-liturġija tal-Knisja, li bla heda ġġedded lilha nfisha.

41. Ara Fil. 1, 9-10.
42. Ara Kongr. Mq. għad-Dutrina tal-Fidi, **Normae Pastorarales circa absolutionem sacramentalem generali modo impertiendam**, 16 ġunju, 1972, n. XII; AAS 64 (1972) p. 514.
43. Ara Konċ. Vat. II, Kost. **Sacrosanctum Concilium**, n. 7; AAS 56 (1964) pp. 100-101.



## IV

## IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA

### Il-post taċ-ċelebrazzjoni.

12. Is-Sagrament tal-Penitenza għandu jkun iċċelebrat f'dawk il-postijiet, li huma indikati mil-liġi.

### Il-ħin taċ-ċelebrazzjoni.

13. Ir-rikonċiljazzjoni tal-penitenti tista' ssir f'kull żmien u f'kull jum. Iżda jaqbel li l-fidili jkunu jafu sewwa l-ħin u l-jum li fih is-saċerdot se jeżerċita l-ministeru tal-Penitenza. Il-fidili għandhom jiġu mdorrijin jersqu għas-sagrament tal-Penitenza, mhux waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies, imma kemm jista' jkun f'ħinijiet magħrufin minn nies. (44)

Żmien ir-Randan jaqbel ħafna għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Penitenza għaliex mill-ewwel jum stess tar-Randan, nhar l-Erbgħa tar-Rmied, issir stedina solenni lill-poplu ta' Alla: "Indmu u emmnu fl-Bxara t-tajba". Għalhekk jixraq li ta' spiss ma' tul ir-Randan isiru ċelebrazzjonijiet penitenzjali, biex il-fidili jkollhom okkażjoni jitħabbu ma' Alla u ma' ħuthom ħalli b'qalb imġedda jiċċelebraw il-misteru ta' l-Għid fit-tlitt ijiem tal-Ġimgħa l-Kbira.

### L-ilbies liturġiku.

14. Dwar l-ilbies liturġiku għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament Penitenza, wieħed għandu jimxi skond id-direttivi li jagħti l-Ordinarju tal-post.

## A

### Ordni għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti, wieħel wieħed

### It-tħejjija tas-saċerdot u tal-penitent.

15. Is-saċerdot u l-penitent għandhom l-ewwelnett iħejju ruħhom bit-talb għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament. Is-saċerdot jit-

44. Ara Kong. Mq. tar-Riti, Istr. **Eucharisticum mysterium**, 29 mejju 1967. n. 35; AAS 59 (1967) p. 560-561.

lob lill-Ispirtu s-Santu biex jagħtih dawl u mħabba; il-penitent iqabbel ħajtu mal-eżempju li tana Kristu u mal-kmandamenti tiegħu, u jitlob 'l Alla maħfra ta' dnubietu.

**Il-laqgħa tal-penitent.**

16. Il-qassis għandu jilqa' l-penitent b'imħabba, qisu ħuħ, u jekk jista' jkun, isellimlu wkoll bi kliem ta' ħlewwa. Imbagħad il-penitent jagħmel is-sinjal tas-salib, billi jgħid: **Fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu.** Il-qassis ukoll jista' jrodd is-salib flimkien mal-penitent. Wara dan il-qassis, bi ftit kliem meqjus, għandu jħajjar 'il penitent biex jafda f'Alla. Jekk il-qassis ma jafx lill-penitent, dan għandu jurih sa fejn meħtieġ x'inhi l-qagħda tiegħu, jgħidlu meta għamel l-aħħar qrara tiegħu, ifissirlu x'diffikultajiet għandu biex jgħix ħajja nisranija, u jgħarrfu b'dak kollu li hu ta' siwi għal qassis biex jaqdi dmiru sewwa fis-sagrament tal-Penitenza.

**Il-qari tal-Kelma ta' Alla.**

17. Wara dan il-qassis, jew l-istess penitent, jaqra, jekk hu meħtieġ u jkun il-waqt, xi silta mill-Kotba mqaddsa: dan il-qari jista' jsir ukoll waqt it-tħejjija għall-qrar. Bil-qari tal-Kelma ta' Alla wieħed jikseb id-dawl biex jagħraf dnubietu, u jissejjaħ għall-konverżjoni u jiġi mistieden biex jafda fil-ħniena ta' Alla.

**Il-qrara tad-dnubiet u l-aċċettazzjoni tat-tewba**

18. Imbagħad il-penitent jistqarr dnubietu, u jibda dan billi jgħid: **Nistqarr 'l Alla** . . ., jekk hemm din id-drawwa. Il-qassis, jekk hu meħtieġ għandu jgħin lill-penitent biex jagħmel qrara sħiħa, iħeġġu biex tassew jindem mill-offiżi magħmula lil Alla, u fl-aħħarnett jagħtih dawk il-pariri xierqa biex jibda tassew ħajja ġdida, u, jekk hemm bżonn, igħallmu x'inhuma d-dmirijiet tiegħu bħala nisrani.

Jekk il-penitent kien ħati ta' xi ħsara jew xi skandlu, il-qassis għandu jwasslu biex jagħmel tpattija xierqa.

Wara dan il-qassis igħid lill-penitent x'tewba għandu jagħmel: din m'għandhiex tkun biss tpattija tal-imgħoddi, imma wkoll għajnuna għall-ħajja ġdida u duwa għall-mard tar-ruħ, għalhekk għandha tkun taqbel, kemm jista' jkun, mal-kobor u s-sura tad-dnub. It-tpattija għad-dnub issir permezz tat-talb, taċ-ċaħda tiegħek innifsek, u l-aktar bil-qadi ta' għajrek u b'egħmejjel tal-ħniena, li bihom jidher ċar x'inhu l-aspett soċjali tad-dnub u tal-maħfra tiegħu.



**It-talba tal-penitent u l-maħfra tas-saċerdot.**

19. Imbagħad il-penitent juri l-indiema tiegħu u l-fehma li jibda ħajja ġdida billi jgħid talba li biha jitlob maħfra lil Alla l-Missier. Jaqbel li tingħad talba magħmula minn kliem meħud mill-Kotba Mqaddsa.

Meta l-penitent itemm it-talba, il-qassis jifrex idejh, jew almenu idu l-leminija, fuq ras il-penitent, u jgħid il-formola tal-assoluzjoni, li fiha l-kliem essenzjali hu dan li ġej: JIENA NAĦFIRLEK DNUBIETEK, FL-ISEM TAL-MISSIER, U TA' L-IBEN, U TA' L-ISPIRTU S-SANTU. Meta jkun igħid dawk l-aħħar kelmiet, il-qassis irodd is-salib fuq il-penitent. Il-formola tal-assoluzzjoni (ara n. 46) turi ir-rikonċiljazzjoni tal-penitent ġejja mill-ħniena tal-missteru ta' l-Għid tal-Mulej, tgħid x'inhi l-missjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-maħfra tad-dnubiet, u fl-aħħarnett tqiegħed f'dawl ċar l-aspett ekklesjali tas-sagrament tal-Penitenza għaliex il-ħbiberija ma' Alla intalab u tingħata permezz tal-ministeru tal-Knisja.

**It-tifħir lil Alla u t-tislima lill-penitent.**

20. Wara li jqun qala' l-maħfra ta' dnubietu, il-penitent jistqarr il-ħniena ta' Alla u jroddlu ħajr b'invokazzjoni qasira meħuda mill-Kotba mqaddsa; imbagħad il-qassis jibgħat il-penitent bisliem.

Il-penitent għandu jkompli l-konverżjoni tiegħu u juriha permezz ta' ħajja skond l-Evanġelju ta' Kristu, kollha mħeġġa bl-imħabba ta' Alla, għaliex "l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet" (I Piet. 4, 8).

**Rit aktar qasir**

21. Meta hu meħtieġ minħabba raġunijiet pastorali, il-qassis jista' jħalli barra jew iqassar xi partijiet tar-rit, iżda ma jistgħux jitqassru jew jitħallew barra l-qrar tad-dnubiet, l-aċċettazzjoni tat-tewba, l-istedina għall-indiema (n. 44), il-formola tal-assoluzzjoni u l-formola li biha jintbagħad il-penitent. Meta hemm periklu ta' mewt malajr, il-qassis igħid biss il-kliem essenzjali tal-formola tal-assoluzjoni, jiġifieri: JIEN NAĦFIRLEK DNUBIETEK FL-ISEM TAL-MISSIER, U TA' L-IBEN, U TA' L-ISPIRTU S-SANTU.

B

**Ordni għar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti li jqerru u jirċievu l-assoluzzjoni wieħed wieħed**

22. Meta ħafna penitenti jinġabru flimkien ħa jiksbu r-rikonċiljazzjoni bis-sagrament tal-Penitenza, jaqbel li huma jiġu mħejjija għal dan b'ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla.

F'din iċ-ċelebrazzjoni jistgħu jieħdu sehem ukoll dawk il-fidili li se jersqu għall-qrar ħin jew ieħor.

Ċelebrazzjoni komunitarja turi aħjar il-karattru ekklesjali tal-penitenza. Dan għaliex il-fidili jisimgħu flimkien il-Kelma ta' Alla, li tħabbrilhom il-ħniena tiegħu u tistedinhom għall-konverżjoni, u fl-istess ħin jaraw kemm taqbel ħajjithom mal-Kelma ta' Alla li tit-ħabbrilhom, u jgħinu 'l xulxin bit-talb. Wara li kulħadd ikun qerr dnubietu u ħa l-assoluzzjoni, ilkoll flimkien ifaħħru 'l Alla għall-egħġubijiet tiegħu mal-poplu li hu kiseb għalih bid-Demm ta' Ibnu l-għażiż.

Jekk ikun meħtieġ, għandu jkun hemm għadd ta' qassisin biex kull wieħed f'post adatt, jisimgħu l-qrar tal-fidili u jas-solvahom.

### Ir-riti tal-bidu.

23. Meta l-fidili jkunu nġabru flimkien, jekk jista' jkun, jit-kanta innu adatt. Imbagħad il-qassis isellem lill-fidili, u wara, hu jew qassis ieħor, jekk hemm bżonn bi ftit kliem ta' dħul ifissril-hom x'se jsir u kif se jsir. Jistedinhom imbagħad għat-talb fis-skiet u wara ftit waqtiet ta' skiet igħid it-talba.

### Iċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla.

24. Jeħtieġ li s-sagrament tal-Penitenza jibda bis-smiegħ tal-Kelma ta' Alla, għaliex il-Mulej isejjaħ bil-Kelma tiegħu għall-indiema u għall-bidla sħiħa tal-qalb.

Tingħażel lezzjoni waħda jew aktar. Jekk tingħażel aktar minn lezzjoni waħda, wara kull lezzjoni ikun hemm salm responsorjali jew kant adatt jew ftit waqtiet ta' skiet, biex wieħed ikun jista' jifhem aktar fil-fond il-Kelma ta Alla, u jilqagħha b'qalbu kollha. Jekk tingħażel lezzjoni waħda, jaqbel li tkun mill-Evanġelju.

Jingħażlu dawk il-lezzjonijiet li fihom l-aktar:

a) jinstema' leħen Alla jsejjaħ il-bnedmin biex jikkonvertu u jsiru dejjem aktar xebħ ma' Kristu.

b) jitqiegħed quddiem għajnejna l-misteru tar-rikonċiljazz-joni bil-mewt ta' Kristu u l-qawmien tiegħu għall-ħajja u permezz tad-don tal-Ispirtu s-Santu.

c) hi mfissra l-fehma ta' Alla dwar it-tajjeb u l-ħażin fil-ħajja tal-bniedem, ħalli l-kuxjenza tkun imdawwlha u tkun tista' tistħarreġ sewwa.

25. L-omelija, li trid tieħu l-bidu tagħha mill-qari li jkun sar mill-Iskrittura, għandha twassal lill-penitenti ħa jgħarblu sewwa l-kuxjenza tagħhom, jobgħodu d-dnub u jerġgħu lura lejn Alla Għandha tfakkar lill-fidili li d-dnub hu għemil kontra Alla, kontra l-komunita' nisranija, kontra għajrna, u wkoll kontra l-istess mid-neb. Għalhekk fl-omelija wieħed għandu jfakkar, kemm jista' jkun, fil-

a) ħniena bla qjies ta' Alla, li hi wisq akbar mill-ħtijiet koll-



ħa tagħhas, u li biha Hu bla heda jsejħilna dejjem lejh;

b) ħtieġa ta' sogħba tassew mill-qalb, sogħba li twassalna biex inpattu wkoll għall-ħsara kollha li għamilna bid-dnub tagħna;

c) aspett soċjali tal-grazzja u tad-dnub: għaliex l-għamil ta' kull wieħed minna b'xi mod hu ta' ġid jew ħsara għall-ġisem kollu tal-Knisja;

d) għamil tagħna ta' tpattija, li jikseb il-qawwa mit-tpattija li għamel Kristu għalina; dan l-għamil ta' tpattija, barra l-għamil ta' penitenza, jitlob fuq kollox wirja u għamil tassew ta' mħabba għal Alla u għal għajrna.

26. Wara l-omelija għandu jkun hemm żmien ta' skiet għall-eżami tal-kuxjenza ħalli wieħed iqanqal fih sogħba tassew għal dnubietu. L-istess qassis, jew djaknu, jew xi ministru ieħor, jista' igħin lill-fidili ħa jagħmlu dan l-eżami, permezz ta' ħsibijiet qsar, jew talba f'sura ta' litanija, dejjem skond iż-żmien, il-qagħda, eċċ. tal-penitenti li jkunu miġbura flimkien għall-qrar.

Jekk wieħed jidhirlu li hu aħjar, f'lok l-omelija wieħed jista' jagħmel dan l-eżami tal-kuxjenza biss ħa jqanqal il-fidili għall-indiema, iżda f'dan il-każ, l-eżami tal-kuxjenza għandu jkun mar-but u jkollu l-bidu tiegħu fil-qari mill-Iskrittura li jkun sar.

### Ir-rit tar-rikonċiljazzjoni.

27. Wara l-istedina tad-djaknu jew ta' xi ministru ieħor, kul-ħadd joqgħod għarkubbtejh jew ibaxxi rasu u lkoll jistqarru flim-kien dnubiethom, jiġifieri igħidu t-talba **Nistqarr 'l Alla** jew xi talba oħra bħalha; imbagħad bil-wieqfa, skond kif jaqbel, igħidu talba sura ta' litanija, jew ikantaw innu adatt, li juru stqarrija tad-dnub, sogħba tal-qalb, talba għall-maħfra u tama fil-ħniena ta' Alla. Fl-aħħar jingħad il-**Missierna** li qatt ma għandu jitħalla barra.

28. Wara l-**Missierna**, l-qassisin imorru fil-postijiet fejn se jqarru. Il-penitenti li jixtiequ jqerru dnubiehom imorru għand wie-ħed mill-qassisin, għand min iridu, u wara li jqerru dnubiethom u tingħatalhom it-tewba, jirċievu l-assoluzzjoni wieħed wieħed.

29. Meta jintemm il-qrar, il-qassisin jerġgħu lurra fuq il-pres-biterju. Dak li jkun qed jippresiedi jistieden 'il kulħadd għar-radd il-ħajr biex hekk il-fidili jistqarru l-ħniena ta' Alla. Dan isir bit-tlissin ta' salm jew innu jew talba sura ta' litanija. Fl-aħħarnett iċ-ċeleb-rant jagħlaq b'talba li biha ifaħħar 'l Alla għall-imħabba kbira li biha ħabbna.

### Egħluq.

30. Wara t-talba ta' radd il-ħajr il-qassis ibierek lill-fidili u mbagħad id-djaknu jew l-istess qassis jibgħathom bis-sliem.

C

**Ordni għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti permezz ta' qrara u assoluzzjoni ġenerali**

**Id-dixxiplina tal-assoluzzjoni ġenerali.**

31. Il-qrara sħiħa u individwali bl-assoluzzjoni hi l-mod waħdieni u ordinarju li bih il-fidili jitħabbu ma' Alla u mal-Knisja, ħlief fil-każ ta' impossibilita' fiżika jew morali.

Jista' jiġri li jkun permess jew ikun meħtieġ li l-assoluzzjoni tad-dnubiet tingħata b'mod ġenerali, mingħajr ma jkun hemm il-qrar ta' kull wieħed, minħabba xi ċirkustanzi partikolari li jistgħu jinqalgħu.

Barra mill-każ ta' periklu ta' mewt, wieħed jista' jassolvi sagramentalment flimkien għadd ta' fidili li jistqarru dnubiethom ġenerikament biss, iżda ikunu sogħbiena tassew tagħhom, jekk hemm ħtieġa serja, jiġifieri meta, minħabba l-għadd kbir ta' penitenti m'hemmx għadd biżżejjed ta' qassisin biex iqarru 'l kulħadd wieħed wieħed fi żmien xieraq, tant li l-penitenti — mingħajr ħtija tagħhom — jkollhom jibqgħu għal żmien twil mingħajr il-grazzja tas-sagrament jew mingħajr it-tqarbin. Dan jista' jiġri l-aktar fil-pajjiżi tal-missjoni, imma wkoll f'postijiet oħra, u fost gruppi ta' nies, fejn tinħass ħtieġa bħal din.

Dan mhux permess, meta jista' jkun hemm konfessuri biżżejjed, u hemm biss għadd kbir ta' penitenti, kif jista' jiġri f'jum ta' festa kbira jew ta' pellegrinaġġ. (45)

32. L-isqof, djoċesan, wara li jistħarreġ il-ħaġa mal-membri l-oħra tal-Konferenza Episkopali, jista' biss jiddeċiedi hemmx il-kondizzjonijiet meħtieġa, msemmija hawn fuq, u għalhekk hu biss jista' jgħid meta hu permess li tingħata l-assoluzzjoni sagramentali b'mod ġenerali.

Barra l-każijiet determinati mill-Isqof djoċesan, jekk tinqala' xi okkażjoni li fiha jkun hemm ħtieġa serja li tingħata assoluzzjoni waħda lil ħafna flimkien, il-qassis, kull darba li jista' għandu jirrikorri għand l-Ordinarju tal-post, biex l-assoluzzjoni tiegħu tkun skond il-liġi; meta ma jistax jirrikorri għand l-Ordinarju minnufih għandu jagħarfu bil-ħtieġa li nqalgħet u bl-assoluzzjoni li jkun ta. (46)

33. Biex il-fidili jkunu jistgħu jiksbu l-frott tal-assoluzzjoni sagramentali mogħtija lil ħafna flimkien, jeħtieġ li jkunu mħejjija sewwa, jiġifieri li kull wieħed ikun jisgħob bih minn ħtijietu kollha, ikollu l-fehma li jżomm ruħu 'l bogħod mid-dnub, ikun deċiż li jpatti għall-iskandli u għall-ħsara li forsi jkun għamel, u fl-istess ħinn ikun lest meta jasal il-waqt iqerr wieħed wieħed id-dnubiet gravi kollha, li dak il-ħin ma jkunx jista' jqerr. Il-qassisin għandhom bir-reqqa kollha jfehmu lill-fidili dawn il-kondizzjonijiet u dawn id-dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex is-sagrament ikun jgħodd. (47)

34. Dawk li nħafrulhom id-dnubiet gravi tagħhom permezz ta' assoluzzjoni sagramentali ġenerali, għandhom jersqu iqerru individwalment, qabel jerġgħu jersqu biex jirċievu mill-ġdid assoluzzjoni ġenerali, sakemm ma jkunx hemm xi raġuni ġusta li timpedihom jagħmlu dan. Hu fuq kollox meħtieġ li jersqu jqerru individwalment fi żmien ta' sena, ħlief jekk dan hu għalihom moralment impossibbli. Għalihom ukoll hemm il-kmandament li jorbot kull nisrani biex iqerr dnubietu kollha, il-dnubiet gravi tiegħu, wieħed wieħed, li ma jkunx għadu qerr, almenu darba fis-sena. (48)

**Ir-rit tal-assoluzjoni ġenerali.**

35. Għar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti permezz ta' qrara u assoluzzjoni ġenerali fil-każijiet imsemmija fil-liġi, kollox għandu jsir kif inhu mfisser fl-ordni għar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti flimkien li jqerru u jirċievu l-assoluzzjoni wieħed wieħed, b'dan it-tibdil li ġej:

a) Wara l-omelija, jew waqt l-istess omelija, il-qassis għandu jwissi lill-fidili li se jieħdu l-assoluzzjoni ġenerali, biex iħejju ruħhom sewwa għaliha, jiġifieri biex kull wieħed jindem minn dnubietu, ikollu l-fehma li jżomm ruħu 'l bogħod mid-dnub, ikun deċiż jpatti għall-iskandli u għal ħsara li forsi għamel, u fl-istess ħin ikun lest iqerr malli jista' id-dnubiet gravi li dak il-ħin ma jistax iqerr wieħed wieħed; (49) barra dan il-qassis jissuġġerixxi x'tewba għandha ssir minn kulħadd, u jgħid ukoll lil kull wieħed li jekk irid jista' jżid xi għamil ieħor ukoll bħala tewba.

b) Wara, id-djaknu, jew ministru ieħor, jew l-istess qassis, jistieden lil dawk kollha li jridu jirċievu l-assoluzzjoni ġenerali biex jagħmlu xi sinjal ħa juru fehmiethom (ibaxxu rashom, jew jinżlu jagħmlu xi sinjal ħa juru fehmiethom (ibaxxu rashom, jew jinżlu għarkobbtejhom, jew jagħmlu xi għamil ieħor skond ma tiddetermina l-Konferenza Episkopali), jagħmlu stqarrija ġenerali ta' ħtijiethom flimkien (igħidu t-talba **Nistqarr 'l Alla** jew talba oħra bħalha); wara tingħad talba sura ta' litanija jew jitkanta innu penitenzjali u jingħad jew jitkanta minn kulħadd flimkien **Missierna** kif għidna fi-numru 27.

c) Wara dan il-qassis jlissen talba li fiha jitlob il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu għall-maħfra tad-dnubiet, iħabbar ir-rebħa tad-dnub

45. Kongr. Mq. għad-Dutrina tal-Fidi, **Normae Pastorales circa absolutionem sacramentalem generali modo impertiendam** 16 ġunju 1972, n. III, AAS 64 (1972) p. 511.

46. Ibid. n. V; lc., p. 512.

47. ibid. n. VI u XI, l.c. p. 512, 514.

48. Ibid. n. VII u VIII; l. c. p. 512-513.

49. Ara ibid. n. VI; l.c. p. 512.

bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, u jagħti lill-penitenti l-assoluzzjoni sagramentali.

d) Fl-aħħarnett il-qassis jistieden lil kulħadd ħa jrodd ħajr lil Alla, kifjingħad fin-numru 29, u, mingħajr ma jgħid it-talba ta' l-aħħar, ibierek lin-nies u jibgħathom.

V

## IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET PENITENZJALI

### Sura u forma

36. Iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali huma laqgħat tal-poplu ta' Alla għas-smigħ tal-Kelma tiegħu, li biha jistieden għall-konverżjoni u għat-tiġdid tal-ħajja, u biha jħabbar il-ħelsien tagħna mid-dnub permezz tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Is-sura tagħhom hi dik li soltu wieħed jiltaqa' magħha f'ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla, (50) u li tinsab imfissra **fl-Ordni għar-rikonċiljazzjoni ta' ħafna penitenti.**

Jaqbel għalhekk, li wara ir-rit tad-dħul (kant, tislima u talba) tinqara lezzjoni jew jinqraw għadd ta' lezzjonijiet mill-Kotba Mqaddsa, b'kant ta' innijiet jew tlissin ta' salmi jew waqtiet ta' skiet wara kull lezzjoni, u mbagħad ikun hemm omelija li fiha l-qari li jkun sar jiġi mfisser lill-fidili miġburin, ħalli jaraw kemm igħodd għalihom. Qabel jew wara l-qari mill-Kotba Mqaddsa, jista' wkoll isir qari mill-kitba ta' Missirijiet il-Knisja jew ta' kittieba oħra, qari li tassew jista' jgħin lill-komunita' kollha u lil kull wieħed biex jagħraf sewwa x'inhu d-dnub, biex jindem tassew mill-qalb u jasal għall-konverżjoni sħiħa.

Wara l-omelija u l-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, jaqbel li l-fidili kollha, qalb waħda u leħen wieħed, jitolbu flimkien, billi jgħidu xi talba sura ta' litanija jew ta' sura oħra. imma dejjem adatta biex iġġib 'il quddiem mill-aħjar it-tisħib tal-fidili flimkien fit-talb. Fl-aħħar jingħad dejjem il-**Missierna**, biex Alla l-Missier "jaħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina . . u jeħlisna mid-deni". Il-qassis jew il-ministru li jippresiedi ċ-ċeleberazzjoni jgħid it-talba ta' l-aħħar u wara jibgħat lin-nies.

### Siwi u ħtieġa.

37. Wieħed għandu joqgħod attent li l-fidili ma jħalltux dawn iċ-ċelebrazzjonijiet maċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Penitenza. (51) Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jiswew ħafna għall-konverżjoni u għat-tiġdid tal-qalb. (52)

Iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali tajjeb li jsiru l-aktar biex

— jissaħħaħ l-ispirtu ta' peenitenza fil-komunita' nisranija;
— igħinu lill-fidili jħejju ruħhom għall-qrara tagħhom, li jagħmlu individwalment fil-ħin li l-aktar jaqbel lilhom;
— iħarrġu t-tfal ħalli bil-mod il-mod ikollhom kuxjenza tad-dnub fil-ħajja tal-bniedem u ħalli jifmhu l-ħelsien mid-dnub seħħ bi Kristu;
— igħinu lill-katekumeni għall-konverżjoni.

Barra dan, fejn ma jistax ikun hemm fi żmien qasir qassis biex iqarar, iċ-ċelebrazzjonijiet penitenzjali jiswew ħafna ħa igħinu għall-indiema perfetta bl-imħabba, u biha l-fidili jistgħu jiksbu il-grazzja ta' Alla huma u jkollhom il-fehma li malli jistgħu jersqu għall-qrar. (53)

VI

## ADATTAMENTI GĦAR-RIT SKOND IL-PAJJIŻ U Ċ-ĊIRKOSTANZI

### L-adattamenti li jistgħu jagħmlu l-Konferenzi Episkopali.

38. Il-Konferenzi Episkopali humu u jħejju r-Ritwal għall-pajjiżi tagħhom għandhom is-setgħa jadattaw dan l-Ordni tal-Penitenza għall-ħtiġijiet tagħhom, biex, wara li s-Sede Appostolika tapprova d-deċiżjonijiet tagħhom, dawn l-adattamenti jintużaw f'dawk il-pajjiżi li għalihom saru. Għalhekk il-Konferenzi Episkopali jistgħu:

a) jagħmlu regolamenti dwar id-dixxiplina tas-Sagrament tal-Penitenza, u l-aktar dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ministeru tas-saċerdoti u mar-riserva tad-dnubiet.

b) jagħmlu regolamenti aktar dettaljati dwar il-post adatt għaċ-ċelebrazzjoni ordinarja tas-Sagrament tal-Penitenza u dwar is-sinjal li bih il-fidili juru l-indiema tagħhom fil-każ tal-assoluzzjoni sagramentali ġenerali.

c) iħejju t-traduzzjoni tat-testi, li għandhom ikunu jaqblu mal-fehmiet u l-ilsien ta' kull poplu; jistgħu wkoll idaħħlu talb ieħor ġdid biex jingħad kemm mill-fidili u kemm mill-ministri tas-sagrament, iżda l-formola tal-assoluzzjoni għandha tibqa' dejjem bla mittiefsa.

---

50. Ara Kongr. Mq. tar-Riti, Istr. **Inter Oecumenici**, 20 sett.. 1964, n. 37-39; AAS 56 (1964) p. 110-111.

51. Ara Kongr. Mq. għad-Dutrina tal-Fidi, **Normae pastorales circa absolutionem sacramentalem generali modo impertinendam**, 16 ġunju 1972. n. X; AAS 64 (1972) p. 513-514.

52. Ibid.

53. Ara Konċ. Trid. Sess. XIV **De Sacramento Paenitentiae**, kap. 5, Denz

**X'jista' jagħmel l-Isqof djoċesan.**

39. L-Isqof djoċesan jista' u għandu:

a) imexxi d-dixxipplina penitenzjali fid-djoċesi tiegħu (54) u idaħħal ukoll dawk l-adattamenti għar-rit skond ma jkun ġie deċiż fil-Konferenza Episkopali.

b) jiddeċiedi, wara li jkun stħarreġ il-ħaġa mal-membri l-oħra tal-Konferenza Episkopali, meta tista' tingħata l-assoluzzjoni sagramentali ġenerali skond il-kondizzjonijiet iffissati mis-S. Sede. (55)

**L-adattamenti li l-ministru jista' jagħmel.**

40. Il-qassisin, u l-aktar il-kappillani, jistgħu:

a) fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-rikonċiljazzjoni, kemm għall-fidili wieħed wieħed, kemm jekk hi ċelebrazzjoni komunitarja, jistgħu jadattaw ir-rit għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-penitenti li jkun hemm dak il-ħin; mingħajr ma jbiddlu l-istruttura essenzjali tar-rit u waqt li jżommu bla mittiefsa l-formola sħiħa tal-assoluzzjoni, jistgħu jħallu barra xi partijiet tar-rit jekk dan ikun jaqbel minħabba raġunijiet pastorali, jistgħu min-naħa l-oħra jtawwlu xi partijiet, jagħżlu liema lezzjonijiet għandhom jinqraw u xi talb li għandu jingħad, ħejju l-post l-aktar adatt għaċ-ċelebrazzjoni skond id-direttivi tal-Konferenza Episkopali, b'mod li ċ-ċelebrazzjoni kollha tkun tassew ta' siwi u ta' ġid.

b) xi drabi matul is-sena, u l-aktar fi żmien ir-Randan, bl-għajnuna ta' oħrajn, lajċi wkoll, jistgħu u għandhom iħejju ċelebrazzjonijiet penitenzjali b'mod li l-qari li jingħażel, it-talb li jingħad, u l-ordni kollu taċ-ċelebrazzjoni jkun adatt għaċ-ċirkostanzi u għas-sura tan-nies li jkun hemm bħalma huma tfal, morda, miżżewġin, ecc.

c) f'każ ta' ħtieġa gravi, li l-Isqof djoċesan ma jkunx ipprevedħa, meta ma jkunux jistgħu b'l-ebda mod igħarfuh biha, jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-assoluzzjoni sagramentali ġenerali lil għadd ta' nies f'daqqa, wara li jkunu għamlu biss stqarrija ġenerali ta' ħtijiethom; iżda f'dan il-każ ikollhom id-dmir li mall ijistgħu igħarrfu lill-Ordinarju bil-ħtieġa li tkun inqagħet u bl-assoluzzjoni ġenerali li jkunu taw.

54. Ara Konċ. Vat. II, Kost. **Lumen gentium**, n. 26; AAS 57 (1965) p. 31-32.
55. Ara Kongr. Mq. għad-Dutrina tal-Fidi, **Normae pastorales circa absolutionem sacramentalem generali modo impertiedam**, n. V; AAS 65 (1972) p. 512.



Kap I

**ORDNI GHAR-RIKONĊILJAZZJONI TAL-PENITENTI WIEHED WIEHED**

**Il-laqgħa tal-penitent**

41. Meta penitent jersaq biex iqerr dnubietu, il-qassis għandu jilqgħu bil-qalb u jsellimlu bi kliem ta' ħlewwa.

42. Imbagħad il-penitent jagħmel is-sinjal tas-salib, u l-qassis ukoll ukoll jista' jroddu miegħu, hu u jgħid:

Fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-qassis iħeġġeġ lill-penitent biex jafda f'Alla billi jgħidlu dan il-kliem li ġej jew kliem ieħor bħalu:

Alla, li idda fi qlubna,
jagħtik li tagħraf fis-sewwa dnubietek
u tara t-tjieba tiegħu

Il-penitent iwieġeb:

Amen.

Testi oħra għall-istedina lill-penitent biex jafda f'Alla:

a) Ersaq b'qalbek qawwija għand il-Mulej
li ma jridx il-mewt tal-ħażin,
iżda li jerġa' jdur minn ħżunitu u jgħix
(Ara Eż. 33, 11)

b) Jilqgħek il-Mulej Ġesu'
li ma ġiex isejjaħ it-tajbin
imma l-midinbin għall-indiema.
Ittama fih. (Ara Lq. 5, 32)

c) Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu
iddawwallek qalbek
biex bil-fiduċja kollha tistqarr dnubietek
u tagħraf x'inhi l-ħniena ta' Alla

d) Il-Mulej ikun f'qalbek
biex kollok sogħbien tistqarr dnubietek

e) Jekk int dnibt, taqtax qalbek:
aħna għandna Difensur quddiem il-Missier
lil Ġesu' Kristu l-Ġust:
u hu li jħallas għal dnubietna,
mhux għal tagħna biss,
imma wkoll għal dawk tad-dinja kollha
(I Gw. 2, 1-2)

---

Qari tal-Kelma ta' Alla (jekk wieħed irid).

43. Il-qassis, jekk ikun il-waqt u jaqbel, jaqra jew igħid bl-amment xi silta qasira mill-Kotba Mqaddsa, li tħabbar il-ħniena ta' Alla u tistieden għall-konverżjoni bħal dawn li ġejjin:

Siltiet qsar mill-Kotba Mqaddsa.

a) Is. 53, 4-6.

Inħarsu lejn Ġesu'
li bata għas-salvazzjoni tagħna
u kien imqajjem mill-imwiet
għall-ġustifikazzjoni tagħna:
Hu refa' fuqu l-mard tagħna,
tgħabba bin-niket tagħna,
Aħna ħsibnih bħal wieħed ikkastigat,
milqut minn Alla u mġjub fix-xejn.
Iżda hu kien miġruħ minħabba dnubietna,
misħuq minħabba fi ħżunitna.
Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu,
u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna.
Aħna lkoll bħal ngħag mitlufa
kull wieħed minna qabad triq għal rasu.
U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen kollu tagħna.



b) Eż. 11, 19-20.

Nisimgħu l-Mulej igħidilna:
"Nagħtihom qalb oħra,
u ruħ ġdida nqiegħed ġo fihom:
u nneħħilhom il-qalb tal-ġebel minn ġisimhom,
u nqiegħed f'lokha qalb tal-laħam.
biex jimxu skond il-liġijiet tiegħi
u jħarsu l-ġudizzji tiegħi u jagħmluhom:
u huma jkunu l-poplu tiegħi,
u jien inkun Alla tagħhom."

c) Mt. 6, 14-15.

Nisimgħu l-Mulej igħidilna:
"Jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet
tagħhom,
Missierkom tas-sema jaħfer lilkom ukoll.
Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin,
anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet
tagħkom."

d) Mk. 1, 14-15.

Wara li arrestaw 'il Ġwanni,
Ġesu' mar fil-Galilija
ixandar il-Bxara t-Tajba ta' Alla u jgħid:
"Iż-żmien huwa mitmum
u s-saltna ta' Alla waslet:
indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba."

e) Lq. 6, 31-38.

Nisimgħu l-Mulej igħidilna:
"Kif tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom,
hekk ukoll agħmlu intom lilhom .
Jekk intom tħobbu 'l minn iħobb lilkom,
xi ħlas jista' jkollkom?

Għax ukoll il-midinbin iħobbu 'l min iħobbhom.
U jekk tagħmlu l-ġid 'l min jagħmel il-ġid lilkom,
xi ħlas jista' jkollkom?
Għax ukoll il-midinbin jagħmluh dan.
U jekk tisilfu xi ħaġa
lil min tkunu tistennew li se jroddhielkom lura,
xi ħlas jista' jkollkom?
Ukoll il-midinbin jisilfu lill-midinbin
bil-ħsieb li jirċievu daqskemm ikunu silfu.
Imma ħobbu l-egħdewwa tagħkom,
agħmlu l-ġid u isilfu bla ma tistennew xejn lura,
u l-ħlas tagħkom ikun kbir,
u tkunu wlied l-Għoli
li hu twajjeb ma' l-ingrati u mal-ħżiena.
Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom.
Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati;
tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati;
aħfru, u tkunu maħfura;
agħtu, u jingħatalkom;
kejl tajjeb, marsus, mħeżħeż sewwa u mbidded
iqegħdulkom f'ħoġorkom;
għax bl-istess kejl li tkejlu intom
jitkejjel lilkom."

f) Lq. 15, 1-7.

Il-pubblikani u l-midinbin
kienu qegħdin jersqu lejn Ġesu' bi ħġarhom
biex jisimgħuh.
U kemm il-Fariżej kif ukoll il-kittieba
kienu jgemgmu u jgħidu:
"Dan! Nies midinba jilqa' għandu! Magħhom
jiekol!"
U Ġesu' qabad u qalilhom din il-parabbola:
"Min hu dak fostkom
li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom,



u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert
biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha?
U meta jsibha,
jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh,
imur id-dar,
isejjaħ għandu l-ħbieb u l-ġirien,
u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi,
għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli:
Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet:
ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li
jindem
milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb
li ma jkollux bżonn indiema."

g) Ġw. 20, 19-23.

Dak il-Ħadd filgħaxija
meta d-dixxipli kienu flimkien
imbeżżgħa mil-Lhud,
bil-bibien magħluqa,
ġie Ġesu' u qagħad f'nofshom:
u qalilhom: "Il-paċi magħkom!"
Kif qal hekk, uriehom idejh u ġembu.
Id-dixxipli ferħu meta raw il-Mulej,
Imbagħad Ġesu' tenna jgħidilhom:
"Il-paċi magħkom!
Kif Missieri bagħat lili,
hekk jiena nibgħat lilkom."
Kif qal hekk, nefaħ fuqhom
u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu:
id-dnubiet ta' dawk li taħfru jkunu maħfura,
u d-dnubiet ta' dawk li żżommu jkunu miżmuma."

h) Rum. 5, 8-9.

Alla wera mħabba lejna
meta Kristu miet għalina,

aħna li konna għadna midinbin.
Mela kemm aktar issa li aħna iggustifikati
b'demmu
insalvaw permezz tiegħu mill-korla ta' Alla!

i) Ef. 5, 1-2.

Kunu ixbħu lil Alla,
bħala wlied maħbuba,
u imxu fl-imħabba,
bħalma Kristu wkoll ħabb lilna
u ta lilu nnifsu għalina,
offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla.

j) Kol. 1, 12-14.

Roddu ħajr lill-Missier,
li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin
fis-saltna tad-dawl.
Hu ħelisna mill-ħakma tad-dlam,
u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-għażiż
li bih għandna l-fidwa,
il-maħfra tad-dnubiet.

k) Kol. 3, 8-10. 12-17.

Issa intom ukoll ħallu dan kollu:
korla, passjoni, ħażen,
dagħa, kliem mhux xieraq minn fommkom,
Tigdbux lil xulxin,
intom li nżajtu l-bniedem il-qadim
bl-egħmil kollu tiegħu
u lbistu l-bniedem ġdid,
li jiġġeded dejjem
skond ix-xbieha ta' dak li ħalqu.
Intom il-magħżulin ta' Alla,
il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu,



ilbsu mela sentimenti ta' ħniena,
tjieba, umilta', ħlewwa u sabar.
Stabru b'xulxin,
u jekk xi ħadd minnkom
ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor
aħfru lil xulxin;
bħalma l-Mulej ħafer lilkom,
hekk agħmlu intom ukoll.
U fuq dan kollu ilbsu l-imħabba,
li hi l-qofol tal-perfezzjoni.
Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom,
dak is-sliem li għalih kontu msejħa
biex issiru ġisem wieħed.
U ta' dan roddu ħajr lil Alla.
Ħalli l-bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom;
għallmu bil-għerf kollu u widdbu 'l xulxin
b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali,
u b'radd il-ħajr kantaw f'qalbkom innijiet lil Alla
Kull ma tagħmlu jew tgħidu,
agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesu',
u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu.

l) 1 Ġw. 1,6-7, 9.

Jekk ngħidu li aħna msieħbin miegħu
imma nimxu fid-dlam,
inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux sewwa.
Iżda jekk nimxu fid-dawl,
kif inhu fid-dawl hu stess,
aħna nissieħbu flimkien,
u d-demm ta' Ġesu' Kristu Ibnu
jnaddafna minn kull dnub.
Jekk nistqarru dnubietna,
hu fidil u ġust
hekk li jaħfrilna dnubietna
u jnaddafna minn kull ħażen.

Jistgħu jintużaw ukoll il-lezzjonjiet indikati għaċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-rikonċiljazzjoni għal ħafna penitenti flimkien. Jistgħu jintużaw ukoll qari ieħor mill-Kotba Mqaddsa skond ma jidhirlu l-qassis u l-penitent.

**L-istqarrija tad-dnubiet u l-aċċettazzjoni tat-tewba**

44. Wara l-qari, il-penitent, jekk hi drawwa, jagħmel l-istqarrija ġenerali ta' dnubietu billi jgħid v.g. **Nistqarr 'l Alla**, imbagħad iqerr dnubietu.

Jekk ikun meħtieġ, il-qassis igħin lill-penitent biex jagħmel qrara sħiħa, jagħmillu dawk it-twissijiet li jkunu meħtieġa, iħeġġu għall-indiema ta' ħtijietu billi jfakkru li, permezz tas-sagrament tal-Penitenza, n-nisrani jmut ma' Kristu u jerġa' jqum miegħu għall-ħajja ġdida, u hekk jiġġedded bil-misteru ta' l-Għid. Imbagħad igħidlu x'għamil ta' penitenza għandu jagħmel, u l-penitent jaċċetta li jagħmel dan bi tpattija għall-dnubietu u għattiġdid ta' ħajtu.

Il-qassis għandu joqgħod attent li jadatta ruħu għall-qagħda tal-penitent kemm dwar il-mod kif jitkellem u kemm dwar it-twissijiet u l-pariri li jagħti.

**It-talba tal-penitent u l-assoluzzjoni**

45. Wara dan il-qassis jistieden il-penitent biex juri li hu niedem, billi jgħid waħda mit-talbiet li ġejjin.

a) Mulej, Alla tiegħi, jisgħob bija b'qalbi kollha minn dnubieti ta' ħajti kollha; jisgħob bija għall-ġenna li tlift u għall-infern li rbaħt; imma fuq kollox jisgħob bija għaliex regħextek u offendejtek, Inti li int kollok tjieba u ħniena. Millum 'l quddiem, bil-għajnuna mqaddsa tiegħek, ma nidnibx qatt u qatt iżjed, u la mmur fejn dari nidneb, u naħrab minn dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub.

Għall-merti tal-Passjoni ta' Ġesu' Kristu, Salvatur tagħna, Mulej, ħenn għalija.



**Talbiet oħra tal-penitent**

b) Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek
għaliex huma minn dejjem, Mulej.
Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet tiegħi:
inti tajjeb, Mulej, ftakar fija skond it-tjieba tiegħek
(Salm 24, 6-7)

c) Aħsilni kollni, Mulej, mill-ħtija tiegħi,
naddafni mid-dnub tiegħi.
Għax jien nagħrafhom ħtijieti;
id-dnub tiegħi dejjem quddiemi
(Salm 50, 4-5)

d) Missier, dnibt quddiemek,
ma jistħoqqlix nissejjaħ ibnek.
Ħenn għalija l-midneb. (Lq. 15, 18; 18, 13)

e) Alla, Missier l-aktar ħanin,
bħala iben kollni sogħbien
nerġa' lura għandek u ngħidlek:
"Dnibt quddiemek;
ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek."
Kristu Ġesu', Salvatur tad-dinja,
kif talbek il-ħalliel it-tajjeb
u ftaħtlu l-bieb tal-ġenna,
hekk nitolbok u ngħidlek:
"Ftakar fija, Mulej, fis-saltna tiegħek."
Spirtu qaddis, għajn ta' mħabba,
bil-fiduċja kollha nitolbok:
"Naddafni: agħmel li jien nimxi bħala bin id-dawl"

f) Mulej Ġesu',
int ftaħt għajnejn l-għomja, fejjaqt il-morda,
ħfirt il-mara midinba,
wettaqt f'imħabbtek lil San Pietru wara li nidem:

ilqa' t-talba tiegħi:
aħfirli dnubieti kollha;
ġedded imħabbtek fija;
agħmel li ngħix f'għaqda sħiħa ta' mħabba
ma' ħuti l-bnedmin kollha
biex inkun nista' nxandar
is-salvazzjoni tiegħek lil kulħadd.

g) Mulej Ġesu',
int ridt li tisseJjaħ il-ħabib tal-midinbin
eħlisni minn dnubieti
bis-saħħa tal-misteru
tal-mewt u l-qawmien tiegħek.
Igħammar fija s-sliem tiegħek
biex nagħti frott ta' mħabba, ġustizzja u verita'.

h) Mulej Ġesu' Kristu,
Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja,
ħabbibni mal-Missier
bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu:
bid-Demm tiegħek naddafni minn kull ħtija
u agħmilni bniedem ħaj
għat-tifħir tal-glorja tiegħek.

i) Ikollok ħniena minni, o Alla, skond tjubitek:
dawwar wiċċek minn ħtijieti;
ħassar ħzunieti kollha;
oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.

j) Mulej Ġesu' Kristu, Bin Alla,
ikollok ħniena minni, midneb.



46. Imbagħad il-qassis, hu u jqiegħed idejh mifruxa (jew almenu l-id il-leminija tiegħu mifruxa) fuq ras il-penitent, jgħid:

Alla, Missier il-ħniena,
bil-mewt u l-qawmien ta' Ibnu għall-ħajja,
ħabbeb mill-ġdid id-dinja miegħu,
u sawwab fuqna l-Ispirtu qaddis tiegħu
għall-maħfra tad-dnubiet.
Hu, bil-ministeru tal-Knisja,
jaħfirlek u jagħtik is-sliem.
U JIENA NAĦFIRLEK DNUBIETEK
FL-ISEM TAL-MISSIER, U TA' L-IBEN,
U TA' L-ISPIRTU S-SANTU.

Il-penitent iwieġeb:

Amen.

**It-tifħir lil Alla u t-tluq tal-penitent**

47. Wara l-assoluzzjoni, il-qassis ikompli jgħid:

Faħħru l-Mulej għaliex hu tajjeb.

Il-penitent iwieġeb:

Għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Fl-aħħar il-qassis jibgħat il-penitent hu u jgħidlu:

Il-Mulej ħafirlek dnubietek. Mur fis-sliem.

---

Flok il-vers tat-tifħir lil Alla u l-formola li biha jibgħat il-penitent kif hemm fin-numru 47, il-qassis jista' jgħid waħda minn dawn il-formoli li ġejjin:

Il-Passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu, it-talb tal-Imqaddsa Verġni Marija u tal-Qaddisin kollha, il-ġid li tagħmel u d-deni li ġġarrab, ikunu għalik ta' maħfra għall-dnubietek, ta' tkattir ta' grazzja, u ta' premju għall-ħajja ta' dejjem. Mur bis-sliem.

*jew* Il-Mulej ħelsek mid-dnub:
jalla jagħtik is-salvazzjoni
fis-saltna tiegħu tas-sema.
Lilu glorja għal dejjem. Amen.

*jew* Ħieni l-bniedem li ħtijietu maħfura,
li għandu d-dnub tiegħu mistur!
Ifraħ, ħija, u thenna fil-Mulej,
Mur bis-sliem.

*jew* Mur bis-sliem ħabbar l-egħġubijiet ta' Alla
li salvak.